TAJJEB LI TKUN TAF

# ATT TA’ QIMA LILL-WIĊĊ TA’ KRISTU

***miktub minn San Ġorġ Preca***



V./: L-aktar għeżież,
ejjew nagħtu qima
lill-Wiċċ venerabbli
tal-Feddej tagħna Ġesù Kristu
li minħabba fina l-bnedmin
u minħabba s-saħħa eterna tagħna
rċieva bewsa ta’ tradiment, daqqiet ta’ ħarta,
bżieq u għammad.
Nersqu wieħed wieħed inbusuh
b’sens ta’ rikonoxxenza
u ta’ sogħba vera li bi dnubietna
rrepetejna ngrati dawn l-insolenzi,
anzi sallabna mill-ġdid
lil min tant eċċessivament ħabbna.

Nitolbuh bil-ħerqa li f’mewtna, l-ewwel darba li narawh
ma jkun qatt li narawh b’qilla iżda ħlewwa u konfort.
Oh, siegħa feliċi li fiha naraw il-Wiċċ tant mixtieq
li jifforma l-għaxqa tal-Qaddisin!

R./: Sinjur Alla Missier, mit-tron tiegħek l-aktar għoli
ħares fuq wiċċ Kristu tiegħek u ħenn għalina:
għax permezz tiegħu jitħassru d-dnubiet tal-bnedmin
u tingħata lilhom il-paċi ta’ dejjem.

V./: Alla, o Missier, warrab il-ħarsa tiegħek mill-ħażen ta’ din id-dinja,
u itfagħha fuq il-Wiċċ Venerabbli ta’ Kristu s-Salvatur tagħha u tgħaxxaq bih;
u fl-istess ħin la tinsiex li Inti ma kontx tara dan il-Wiċċ
li kieku ma kienx id-dnub tad-dinja.
Iva, ħares lejh, u għall-merti infiniti tiegħu, itfa’, sawwab u roxx
mis-Santwarju Etern tiegħek fuq id-dinja kollha,
ir-ruġjata tal-grazzja li Huwa, fuq is-Salib,
immeritalna bis-sfura tal-mewt fuq il-ħaddejn tiegħu.

*Waqt li kull persuna tinżel għarrkobbtejha quddiem Wiċċ Kristu, qabel tbusu tgħid:*

R./: Sinjur, kun għalija Salvatur.

*Wara dan l-att ta’ Qima kulħadd jinżel għarrkobbtejh u jitlob flimkien mal-oħrajn:*

R./: Alla Qaddis, Alla Qawwi, Alla Immortali, ħenn għalina.

V./: Alla Qaddis, Alla Qawwi, Alla Immortali. R./: Ħenn għalina.



PARROĊĊA TA’ ĦAL SAFI
KONVERŻJONI TA’ SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# O RAS TA’ KRISTU IMBIERKA

***L-għajnejn kollha jarawh, ukoll dawk li kienu nifduh”***

**Apok. 1:7**

Matul dan iż-żmien li bħala Knisja qed ngħixu żgur ser nisimgħu bil-kelma *‘salib’* jew *‘kurċifiss’*, u permezz tagħhom jiġuna f’moħħna kelmiet bħal mewt, tortura, demm, swat u moħqrija. Imbagħad forsi il-ħsieb tagħna jeħodna biex niftakru fil-ġisem maħqur u mejjet ta’ Ġesù, fil-marki tal-imsiemer u fil-kustat miftuħ bid-daqqa tal-lanza. Għajnuna biex niftakru fil-passjoni tal-Mulej Ġesù żgur li jkollna għax l-arti u l-artiġjanat ma jonqsux milli joffrulna statwi, stampi, rakkonti, pageants, films, mużika u kant li fihom is-sensi tagħna jistgħu jimirħu bis-sħiħ.

***Vera Icona***

Iżda waqt li niftakru f’dan kollu, xtaqt li nfakkarkom fi tradizzjoni bikrija tal-Knisja li diversi qaddisin għarfu u ħeġġew lill-insara bħalhom biex jiddedikaw l-attenzjoni tagħhom għaliha: li nitfgħu ħarsitna lejn wiċċ Kristu. Insibu sa’ mill-bidunett il-figura u ġrajja tal-Veronika (isem li hu magħmul minn 2 kelmiet *‘Vera Icona’*: *‘Veru Xbieha’*) u li għalkemm ma nsibuhiex imsemmija fil-Vanġeli, it-tradizzjoni - speċjalment hekk kif insibuha fil-*Via Sagra* - tippreżentahielna bħala din il-mara li tħassret u xxuttat wiċċ Ġesù, u Hu, biex ipattilha għal dan il-ġest kbir ta’ mħabba u ħniena li għamlet miegħu fit-tbatija, ħalla l-wiċċ qaddis tiegħu stampat fuq il-maktur tagħha.

It-tradizzjoni tgħid li l-Veronika tat il-maktur lil San Klement, dixxiplu ta’ Pietru u t-tielet isqof ta’ Ruma. Filwaqt li għall-ewwel tliet sekli, dan ġie mħares fil-katakombi minħabba l-persekuzzjonijiet tal-Insara, maż-żmien beda jiġi miżmum fil-Bażilika ta’ San Pietru, fil-Vatikan, fejn apparti li hemm statwa kbira tal-irħam li turi lill-Veronika f’wieħed mill-pilastri maġġuri li fuqhom tistrieħ il-koppla, hemm gallarija li minn fuqha kienet tiġi murija din ir-relikwa minn żmien għal żmien.



### *Il-Qima ta' Wiċċ Kristu*

Iżda ejjew nirriflettu aħjar dwar il-qima li l-wiċċ qaddis ta' Kristu jixtieq minna u tassew jistħoqqlu. Min jaf kemm Marija ħarset lejh u kkontemplat lil binha rieqed; min jaf kemm bisithu b'imħabba materna u safja; min jaf kemm hi, flimkien ma' Ġużeppi, kienu jintilfu jħarsu lejn binhom matul il-jum; min jaf kemm nies waħħlu ħarsithom f'Ġesù meta kien qed jipprietka, meta fejjaq; min jaf xi glorja raw it-tlett appostli meta raw wiċċ Ġesù mibdul fuq it-Tabor. Huwa l-wiċċ li lilna jiġbidna lejn persuna, li jressaqna lejha. Mill-espressjoni tal-wiċċ inkunu nistgħu nifhmu aħjar dak li persuna tkun qed tipprova tgħid u anke dak li tkun qed iżżomm moħbi. Kien ukoll dan l-istess wiċċ li fi żmien differenti laqa' fuqu l-bewsa ta' Ġuda, id-daqqiet ta' ħarta, iż-żeblih u l-bżieq.

### *Diversi Qaddisin jagħtu qima u jxerrdu din id-devozzjoni*

Il-qima lejn Wiċċ Kristu kienet preżenti f'diversi Qaddisin. Infatti jekk niflu sew xi ħajjiet minn tagħhom nirrealizzaw li Santa Tereża ta' Lisieux ma kinitx iġġib biss l-isem ta' Tereża tal-Bambin Ġesù imma wkoll tal-Wiċċ Imqaddes. Fil-monasteru, is-sorijiet kellhom kopja tal-maktur tal-Veronika u hi darba tenniet: *"Kemm għamilli ġid f'ħajti dak il-Wiċċ."* Oħtha Celine qalet li għal Tereża, id-devozzjoni lejn il-Wiċċ Imqaddes kienet il-milja tal-imħabba tagħha lejn l-umanità ta' Ġesù. Fil-Wiċċ Imqaddes hija kienet tara il-qalb u r-ruħ tal-maħbub tagħha li lilu offriet ħajjitha. Insibu ukoll lil Sor Marija ta' San Pietru, soru karmelitana Franċiża li kellha rivelazzjonijiet dwar il-Wiċċ Imqaddes. Jingħad li Ġesù qalilha:

> *"Dawk li jikkontemplaw il-ġrieħi ta' wiċċi hawn fuq l-art, għad jikkontemplawh jiddi fis-sema."*

### *Saċerdoti Maltin li xerrdu din il-Qima*

Ma ninsewx li f'Malta wkoll kellna lis-saċerdot Belti, Dun Alfred Gatt, li kien imfittex ħafna għall-pariri u bħala konfessur, u xerred bil-bosta d-devozzjoni lejn Wiċċ Kristu. Hu kien jgħaqqad fit-talb kemm it-tbatija tiegħu kif ukoll ta' min kien imur għandu ma' dik ta' Ġesù. San Ġorġ Preca wkoll xtaq li l-membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM iwettqu atti ta' qima lejn wiċċ Kristu, u dan b'mod speċjali nhar Ħamis ix-Xirka, f'xi ħin wara l-Quddiesa bir-rit tal-ħasil tar-riġlejn.

Matul dan iż-żmien qaddis tar-Randan, nistgħu nitolbu l-grazzja li nikkontemplaw il-Wiċċ Imqaddes, dak il-wiċċ li dejjem iħares lejna bi ħniena u mħabba.

- F'dan il-Wiċċ nistgħu naraw it-tbatija tad-dinja, is-sofferenza ta' bosta nies imtaqqlin bil-mard, bi tbatija soċjali bħall-faqar, qagħad, diskriminazzjoni u vjolenza, u tbatija spiritwali, ta' min f'ħajtu ma jistax isib mistrieħ għax lil Alla warrbu għal kollox.
- F'dan il-Wiċċ naraw ukoll iż-żebliħ tal-umanità li aktar qed twarrab lil Alla u tivvinta forom ġodda ta' kif tkasbru.

Matul dan iż-żmien nistgħu noffru atti żgħar ta' riparazzjoni bħal per eżempju billi noffru lil Alla il-Wiċċ Imqaddes ta' Ibnu, waqt li nistgħu nirrepetu ta' sikwit il-vrus 8 u 9 minn Salm 27, liema kelmiet ifakkruna fil-preżenza ta' Alla li jkabbar fina x-xewqa għalih, biex anke fuq l-art narawh f'ħutna u madwarna, sa' ma' narawh kif tassew Hu fil-ġenna, fil-glorja kollha tiegħu:

> ***"Ejja," għedt f'qalbi, "fittex 'il wiċċu"; jien wiċċek infittex, Mulej. La taħbix wiċċek minni.'***
>
> **Salm 27:8-9**



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
John Busuttil
Elizabeth-May Zammit

***Nitolbu għalihom!***



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Marzu 2018

***It-Tnejn 5 u l-Erbgħa 7 ta' Marzu***
Mis-7:00pm - **Eżerċizzi għal Kulħadd**
sas-7:30pm minn Dun Ronnie Zammit, Viċi-Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof.

***Il-Ħadd 11 ta' Marzu***
**Ir-Raba' Ħadd tar-Randan**
*Anniversarju Saċerdotali:*
Dun Karm Zammit: 51 sena (1967)

***It-Tnejn 12 ta' Marzu* - L-Ewwel Qrara**
Fil-4:45pm - L-Ewwel Qrara fil-knisja parrokkjali.

***Mit-Tnejn 12 sal-Erbgħa 14 ta' Marzu***
Filgħodu - **Eżerċizzi għat-Tfal tal-Iskola Primarja**

***It-Tnejn 12 u l-Erbgħa 14 ta' Marzu***
Mis-7:00pm - **Eżerċizzi għal Kulħadd**
sas-7:30pm minn Dun Ronnie Zammit, Viċi-Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof.

***Il-Ġimgħa 16 ta' Marzu***
**Egħluq tal-Eżerċizzi għal Kulħadd**
Mis-6:30pm sas-7:30pm -
Quddiesa u Adorazzjoni tas-Salib - Talb stil Taizé

***Il-Ħadd 18 ta' Marzu***
**Il-Ħames Ħadd tar-Randan**
Fit-8:15am - Quddiesa bil-Preżentazzjoni tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara u li qed jiġu ppreparati għall-Ewwel Tqarbina.

***It-Tnejn 19 ta' Marzu***
**Solennità ta' San Ġużepp, ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla**
Nofs ta' nhar - Seminar għall-Koppji Miżżewġa

***L-Erbgħa 21 ta' Marzu***
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:15pm - Pellegrinaġġ is-Salib tal-Għolja, Siġġiewi

***Il-Ħamis 22 ta' Marzu***
**Jum ir-Rikonċiljazzjoni:** *Ħin għall-Qrar*
***Filgħodu - Qabel u matul il-ħin tal-quddies.***
Mid-9:30am - Qrar għat-Tfal tal-Iskola Primarja
sal-11:00am Yrs 3,4,5,6
***Filgħaxija - Mill-5:00pm 'il quddiem.***
Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra mmexxija minn tal-MUSEUM.
Fis-6:30pm - Quddiesa.

***Il-Ġimgħa 23 ta' Marzu***
**Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
*Filgħodu:-* Mis-7:00am sas-7:30am - Qrar
Fis-7:30am - Quddiesa
*Filgħaxija:-* Mill-4:30pm sat-8:00pm - Qrar
Fil-5:30pm - Quddiesa
Fis-6:30pm - Purċissjoni
Wara l-Purċissjoni - Quddiesa

***Il-Ħadd 25 ta' Marzu***
**Ħadd il-Palm - Jum iż-Żgħażagħ**
Fit-8:00am - Nitilqu mill-knisja parrokkjali, u ningabru fuq iz-zuntier ta' Santa Marija.
Fit-8:15am - Inbierku ż-żebbuġ u nagħtu bidu għall-Purċissjoni qasira lejn il-knisja.
Fit-8:30am - Inkomplu bil-quddiesa li fiha jiġi ppreżentat il-Karus ta' Mħabba mit-tfal b'risq id-Dar tal-Providenza.

***It-Tnejn 26 ta' Marzu***
Fit-7:45pm - *Via Sagra* fil-parroċċa tagħna animata mis-*Safi Drama Group*.

***L-Erbgħa 27 ta' Marzu***
Fis-7:30pm - Via Sagra Nazzjonali mill-RTK.

***Il-Ħamis 28 ta' Marzu* - Ħamis ix-Xirka**
Fit-7:30am - Talb flimkien fil-knisja parrokkjali:
sat-8:00am L-Uffiċċju tal-Qari u l-Lawdi.
Fid-9:00am - Quddiesa mal-Arċisqof fil-Konkatidral il-Belt Valletta, li fiha jitbierku ż-Żjut Imqaddsa u jiġġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali mill-qassisin.
Fil-5:00pm - Qrar
Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha jsir il-Ħasil tar-Riġlejn u jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament tal-Ewkaristija.
Fit-8:30pm - Viżti animati mill-Animaturi u l-Letturi.
Fl-10:00pm - Adorazzjoni animata mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.

***Il-Ġimgħa 30 ta' Marzu* - Il-Ġimgħa l-Kbira**
Fis-7:00am - Viżti.
Fit-8:00am - L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum, animat mill-Kappillan, is-Seminarista Tony Pace u s-Sorijiet Dumnikani.
Fid-9:00am - Viżti animati mill-MUSEUM - Bniet.
Fl-10:00am - Viżti animati mill-MUSEUM - Subien.
Fil-11:00am - Ħin ta' skiet, ġabra u talb personali.
*Il-knisja tagħlaq f'12:00pm u tiftaħ fis-2:15 pm.*
Fis-2:30pm - Via Sagra.
Fit-3:00pm - Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej.

***Is-Sibt 31 ta' Marzu* - Sibt il-Għid**
Fit-7:45am - Talb flimkien fil-knisja ta' Santa Marija:
sat-8:15am L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.
Fis-6:00pm - Qrar.
Fit-8:00pm - Funzjoni tal-Vġili tal-Għid bis-Sagrament tal-Magħmudija.

***Il-Ħadd 1 ta' April* - L-Għid il-Kbir**
Fis-6:45am - Quddiesa.
Fit-8:15am - Quddiesa u Tberik tal-Figolli.
Fl-10:00am - Quddiesa.
Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.